

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 726/2010

tat-12 ta' Awwissu 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 917/2004 dwar ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004 rigward il-miżuri għat-titjib tal-kondizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u l-marketing ta' prodotti tal-apikoltura

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 110 tiegħu b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 917/2004 ⁽²⁾ jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-apikoltura stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Il-kontribut finanzjarju tal-Komunità għal dawk il-programmi huwa bbażat fuq iċ-ċensiment [il-popolazzjoni] tan-naħal f'kull Stat Membru kif elenkat fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 917/2004.
- (2) Fil-komunikazzjonijiet tal-Istati Membri li jaġġornaw id-dettalji [id-dejta] strutturali dwar il-qagħda fis-settur kif stipulat fl-Artikolu 1(a) tar-Regolament (KE) Nru 917/2004, kien hemm tibdiliet fin-numru ta' doqqajs.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 917/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) Minħabba li l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 917/2004 jistabbilixxi l-31 ta' Awwissu bħala d-data finali għall-implimentazzjoni ta' miżuri taħt il-programmi tal-apikoltura għas-sena li għaliha jirrelataw dawn il-miżuri, dan ir-Regolament għandu japplika mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2010/2011.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 917/2004 jinbidel bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għall-ewwel darba għall-programmi li jkopru s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2010/2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 163, 30.4.2004, p. 83.

ANNEX

"ANNEX I

Stat Membru	Popolazzjoni tan-naħal Numru ta' doqqajns
BE	112 000
BG	617 420
CZ	497 946
DK	170 000
DE	711 913
EE	24 800
EL	1 502 239
ES	2 459 373
FR	1 338 650
IE	24 000
IT	1 127 836
CY	43 975
LV	64 133
LT	117 977
LU	8 171
HU	900 000
MT	2 722
NL	80 000
AT	367 583
PL	1 123 356
PT	562 557
RO	1 280 000
SI	142 751
SK	235 689
FI	46 000
SE	150 000
UK	274 000
L-UE 27	13 985 091"